Dispożittiv

1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji kollha sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/4/KE tat-28 ta' Jannar 2003, dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE, ir-Repubblika ta' l-Awstrija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond din id-direttiva.

2) Ir-Repubblika ta' l-Awstrija hija kkundannata tbati l-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ta' l-10 ta' Lulju 2007 — AEPI vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-461/06 P)

"Appell — Rikors għal annullament — Rifjut tal-Kummissjoni li tibda proċedimenti għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Inammissibbiltà"

1. *Rikors għal annullament — Atti li ma jistax ikun is-suġġett ta' rikors — Rifjut tal-Kummissjoni li tibda proċedimenti għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Esklużjoni (Artikoli 226 KE u 230 KE) (ara l-punti 23-26)*

2. *Proċedura — Motivazzjoni tas-sentenzi — Portata (ara l-punt 35)*

Suġġett

Appell imressaq kontra d-Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tal-5 ta' Settembru 2006, AEPI vs Il-Kummissjoni (T-242/05) — Inammissibbiltà ta' talba għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tibdix proċedimenti għall-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika Ellenika

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) AEPI Elliniki Etaireia pros Prostasian tis Pnevmatikis Idioktisias AE hija kkundannata tbati l-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-12 ta' Lulju 2007 — Il-Kummissjoni vs Il-Belġju

(Kawża C-90/07)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/12/KE — Ippakkjar u skart ta' ppakkjar — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 11)*

2. *Stati Membri — Obbligi — Eżekuzzjoni tad-direttivi — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Ġustifikazzjoni bbażata fuq l-ordinament intern — Inammissibbiltà (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 13)*